**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M. Jur**

**Rikors Nru. 349/2015MV**

**Spinola Development Company Limited [C 331]**

**vs**

**Irina Sedova [passaport Taljan bin-numru AA02955]**

**Illum, 13 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta Irina Sedova thallas is-somma komplessiva ta' sitt elef u tmenin euro u tnejn u disghin centezmu (€6,080.92); kwantu ghas-somma ta' elfejn, hames mija u sebgha u hamsin euro u disgha u sebghin centezmu (€2,557.79) rapprezentanti prezz ta' elettriku relattiv ghal Apartament 2372, Portomaso Complex, San Giljan ghal perjodu ta' bejn Marzu tas-sena 2014 u Awwissu 2015 skond ma jirrizulta mill-anness prospett

immarkat bhala Dokument ‘A’; kwantu ghas-somma ta’ tlett elef, tlett mija u sittax-il euro u tlieta u disghin centezmu (€3,316.93) rapprezentanti prezz ta’ *common costs*, assigurazzjoni, *service charge* u *budgeted common costs* ghal Apartament 2372, Portomaso Complex, San Giljan in konnessjoni mas-snin 2013, 2014 u 2015 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala dokument ‘B’; u kwantu ghas-somma ta’ mitejn u sitt euro u ghoxrin centezmu (€206.20) rapprezentanti prezz ta’ *car park fees* ghal zewg *car spaces* bin-numru 3367 u 3368 jew numri ohra aktar verjuri ghar-rigward tas-sena 2015 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkati bhala Dokument ‘C’.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-sommom precitati indikati fil-fuq imsemmija prospetti (Dokumenti ‘A’ ‘B’ u ‘C’) mid-dati tar-rispettivi fatturi sal-hlas effettiv.

Rat li l-intimata kienet debitament notifikata bl-avviz fl-14 ta’ Dicembru 2015, skond il-*pink card* annessa a folio 9 tal-process u skond ir-riferta fuq in-naha ta’ wara ta’ l-istess pagna;

Rat illi minkejja li kienet notifikata l-intimata naqset li tidher quddiem il-Qorti, kif ukoll naqset milli tipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, u ghalhekk tinsab kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr. Carol Zammit Montebello ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti, fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2016, tikkonferma illi s-somma mitluba fl-avviz hija dovuta u li minn meta giet prezentata l-kawza sal-lum l-intimata ma ghamlet l-ebda hlasijiet u minn dakinhar ‘l hawn ma nbidlu l-ebda fatti fil-kawza. Ir-rikorrenti ghalqet il-provi taghha u talbet li tinghata sentenza stante l-kontumacja tal-intimata.

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza odjerna si tratta minn kawza ghall-hlas ghal diversi servizzi li nghataw lill-intimata;

Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors odjern fl-14 ta' Dicembru 2015 skond il-*pink card* annessa a folio 9 tal-process u skond ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' l-istess pagna;

Illi l-intimata naqset li tidher quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti u naqset ukoll li tintavola risposta ghar-rikors promotur;

Illi fis-seduta tal-lum, r-rikorrenti resqet il-provi taghha liema provi jikkonsistu fix-xhieda ta' Dr. Carol Zammit Montebello ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, li kkonfermat li s-somma mitluba fl-avviz hija dovuta u li minn meta giet prezentata l-kawza l-intimata ma ghamlet l-ebda hlasijiet u minn dakinhar 'l hawn ma nbidlu l-ebda fatti fil-kawza;

Illi ghalhekk l-intimata baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha;

Illi stante li ma kkontestatx it-talba tas-socjeta rikorrenti, l-intimata hija kontumaci.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' sitt elef u tmenin euro u tnejn u disghin centezmu (€6,080.92); kwantu ghas-somma ta' elfejn, hames mija u sebgha u hamsin euro u disgha u sebghin centezmu (€2,557.79) rapprezentanti prezz ta' elettriku relattiv ghal Apartament

2372, Portomaso Complex, San Giljan ghal perjodu ta' bejn Marzu tas-sena 2014 u Awwissu 2015 skond ma jirrizulta mill-prospett immarkat bhala Dokument 'A'; kwantu ghas-somma ta' tlett elef, tlett mija u sittax-il euro u tlieta u disghin centezmu (€3,316.93c) rapprezentanti prezz ta' *common costs*, assigurazzjoni, *service charge* u *budgeted common costs* ghal Apartament 2372, Portomaso Complex, San Giljan in konnessjoni mas-snin 2013, 2014 u 2015 skond ma jirrizulta mill-prospett immarkat bhala dokument 'B'; u kwantu ghas-somma ta' mitejn u sitt euro u ghoxrin centezmu (€206.20) rapprezentanti prezz ta' *car park fees* ghal zewg *car spaces* bin-numru 3367 u 3368 jew numri ohra aktar verjuri ghar-rigward tas-sena 2015 skond ma jirrizulta mill-prospett immarkati bhala Dokument 'C'.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-sommom precitati indikati fil-fuq imsemmija prospetti (Dokumenti 'A' 'B' u 'C') mid-dati tar-rispettivi fatturi sal-hlas effettiv.

Spejjez tal-prezenti proceduri a karigu tal-intimata.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur